IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.10.2012
COM(2012) 630 final

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

LILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI DWAR L-UŻU MINGĦAJR PERIKLU TA' SUSTANZI KIMIĊI

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI DWAR L-UŻU MINGĦAJR PERIKLU TA' SUSTANZI KIMIĊI

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Glossarju

ECHA	L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi
CLP	Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Imballaġġ ta' Sustanzi u Taħlitiet
GHS	Is-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikettar ta' Sustanzi Kimiċi
REACH	Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi
RCN	In-Netwerk ta' Komunikazzjoni ta' Riskju
MSCA	L-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri
SDS	L-Iskeda ta' dejta tas-Sikurezza

1. Introduzzjoni

L-Unjoni Ewropea żviluppat sistemi li jipprovdu informazzjoni dwar proprjetajiet perikolużi u miżuri ta' kontroll tal-kimiċi sa mill-1967[1] għal sustanzi, u sa mill-1988[2] għal taħlitiet (qabel imsejħa 'preparazzjonijiet'). Madankollu, is-sistemi ta' klassifikazzjoni użata f'pajjiżi oħra kienu differenti u mhux dejjem kompatibbli ma' xulxin, u dan ħafna drabi wassal għal diversi tikketti u Skedi ta' Dejta tas-Sikurezza għall-istess prodott kimiku.

Għalhekk, il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1992 dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp pprovdiet mandat internazzjonali għall-armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-periklu sas-sena 2000. Bħala riżultat ta' dan, l-ewwel verżjoni tas-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar tas-Sustanzi Kimiċi (GHS) ġiet approvata fl-2002 u mbagħad

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi, ĠU 196, 16.8.1967, p. 1-98.

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 88/379/KEE tas-7 ta' Ġunju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġjiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri marbuta mal-ikklassifikar, l-ippakkjar u l-ittikkettar ta' preparazzjonijiet perikolużi, ĠU L 187, 16.7.1988, p. 14-30.

ippubblikata s-sena ta' wara. Minn dakinhar, il-GHS ġiet aġġornata kull sentejn. Il-GHS hija sistema tan-Nazzjonijiet Uniti għall-identifikazzjoni ta' kimiċi perikolużi u għall-informazzjoni tal-utenti dwar dawn il-perikli permezz ta' simboli standard (pittogrammi) u frażijiet fuq it-tiketti tal-imballaġġ u permezz tal-iskedi ta' dejta tas-sikurezza (SDS).

Is-CLP huwa r-Regolament tal-UE dwar il-Klassifikar, it-Tikkettar u l-Ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet kimiċi[3]. Huwa jallinja l-leġiżlazzjoni preċedenti tal-UE dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-ippakkjar tal-kimiċi mal-GHS. Ir-Regolament CLP għandu l-għan li jtejjeb il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, filwaqt li jiżgura l-moviment ħieles ta' sustanzi u taħlitiet kimiċi, u jtejjeb il-kompetittività u l-innovazzjoni.

Ir-Regolament CLP daħal fis-seħħ fl-20 ta' Jannar 2009. Skont ir-Regolament, l-iskadenza għall-allinjament tal-klassifikazzjoni tas-sustanzi għar-regoli l-ġodda kienet l-1 ta' Diċembru 2010. Għat-taħlitiet, l-iskadenza se tkun l-1 ta' Ġunju 2015. Ir-Regolament CLP fl-aħħar mill-aħħar se jieħu post ir-regoli preċedenti dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi (Direttiva 67/548/KEE) u r-regoli attwali dwar il-preparazzjonijiet (Direttiva 1999/45/KE) wara dan il-perjodu tranżizzjonali.

L-Artikolu 34 tar-Regolament CLP jistipula li:

1. *Sal-20 ta' Jannar 2012, l-Aġenzija għandha twettaq studju dwar il-komunikazzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar l-użu mingħajr periklu ta' sustanzi u taħlitiet u l-ħtieġa potenzjali għal informazzjoni addizzjonali fuq it-tikketti. Dan l-istudju għandu jsir f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet interessati u bl-użu, skont il-każ, tal-aqwa prattika rilevanti.*

2. *Mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-ittikkettar previsti f'dan it-Titolu, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-istudju msemmi fil-paragrafu 1, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u, jekk ikun ġustifikat, tippreżenta proposta leġislattiva biex jiġi emendat dan ir-Regolament.*

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) ivvalutat is-sejbiet ta' stħarriġ tal-Ewrobarometru madwar l-Ewropa u ta' studju aktar immirat dwar il-perċezzjoni tar-riskju. Bħala riżultat, l-ECHA ppubblikat l-istudju skont l-Artikolu 34 (1) CLP fl-20 ta' Jannar 2012. Dan ir-Rapport ġie stabbilit fuq il-bażi tal-istudju li twettaq mill-ECHA skont l-Artikolu 34 (2) CLP.

2. Studju dwar il-komunikazzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar il-kimiċi

Ir-Regolament CLP jinkorpora fil-leġiżlazzjoni tal-UE l-kriterji ta' klassifikazzjoni u r-regoli tal-ittikkettar li dwarhom intlaħaq ftehim fuq livell tan-NU. Il-prinċipji bażiċi huma fil-fatt pjuttost viċin tal-leġiżlazzjoni preċedenti tal-UE. Ir-Regolament jeħtieġ li l-kumpaniji jikklassifikaw, jimmarkaw u jippakkjaw b'mod xieraq il-kimiċi perikolużi tagħhom qabel iqegħduhom fis-suq.

[3] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

Skont ir-Regolament CLP, komunikazzjoni ta' perikli[4] tal-kimiċi fil-forma ta' ittikkettar hija l-mod ewlieni biex il-pubbliku ġenerali jkun infurmat dwar l-użu mingħajr periklu ta' sustanzi kimiċi. B'mod partikolari, it-tikketta ta' periklu tas-CLP tinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) il-pittogramma ta' periklu (kif speċifikat fl-Anness V tar-Regolament CLP), maħsuba bħala kompożizzjoni grafika li tinkludi simbolu flimkien ma' elementi grafiċi oħra sabiex twassal informazzjoni speċifika dwar il-periklu konċernat;

(b) il-kelma ta' messaġġ li tindika l-livell relattiv ta' gravità tal-perikli biex tiġbed l-attenzjoni tal-qarrej għal periklu potenzjali (jiġifieri Twissija, Periklu);

(c) id-dikjarazzjoni ta' prekawzjoni li tiddeskrivi l-miżuri rakkomandati għall-imminimizzar jew il-prevenzjoni ta' effetti negattivi li jirriżultaw minn espożizzjoni għal sustanza jew taħlita perikoluża minħabba l-użu jew ir-rimi tagħhom (id-dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni huma standardizzati u huma definiti fl-Anness IV tar-Regolament CLP);

(d) id-dikjarazzjoni tal-periklu li tiddefinixxi n-natura tal-perikli ta' sustanza jew taħlita perikoluża, inkluż, fejn jixraq, il-grad tal-periklu (id-dikjarazzjonijiet ta' periklu huma standardizzati u huma definiti fl-Anness IV tar-Regolament CLP)

Skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament CLP, l-ECHA wettqet studju biex tevalwa l-komunikazzjoni dwar l-informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar l-użu mingħajr periklu ta' sustanzi u taħlitiet u l-ħtieġa potenzjali għal informazzjoni addizzjonali fuq it-tikketta. L-istudju kien ibbażat fuq żewġ elementi ewlenin:

a) stħarriġ tal-opinjoni mill-Ewrobarometru mwettaq fl-2010, li tkixxef dwar il-perċezzjonijiet taċ-ċittadini Ewropej għal dik li hija komprensjoni u fehim ta' tikketti ta' pittogramma dwar il-periklu. L-istħarriġ kien jinvolvi aktar minn 26 000 membru tal-pubbliku mill-Istati Membri kollha u r-riżultati ppubblikati fl-2011 ġew ikkunsidrati bħala rappreżentattivi tal-opinjonijiet ta' 500 miljun ċittadin fl-UE.

b) studju kwalitattiv addizzjonali mwettaq fl-2011 - minn tim ta' akkademiċi Ewropej b'għarfien espert fil-perċezzjoni tar-riskju, ir-riċerka u l-analiżi - biex jipprovdi aktar elementi dwar il-perċezzjonijiet pubbliċi u modi ta' mġiba individwali. L-istudju kien jikkonsisti f'intervisti ma' 'l fuq minn 240 ċittadin fi tliet Stati Membri u kien maħsub biex jiżvela kif in-nies tevalwa prodotti kimiċi u kif dawn il-ġudizzji huma marbuta ma' mġieba rilevanti għas-sikurezza.

Fl-20 ta' Jannar 2012, l-ECHA ttrasmettiet ir-rapport dwar "*Studju dwar il-Komunikazzjoni tal-Użu Mingħajr Periklu ta' Sustanzi Kimiċi lill-Pubbliku Ġenerali*" lill-Kummissjoni[5]. Fit-taqsimiet li ġejjin, dan ir-Rapport se jiġbor fil-qosor is-sejbiet ewlenin tal-istudju, iqabbluhom ma' rapporti oħra simili pprovduti minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti internazzjonalment (NU, UNITAR, eċċ.) u jiġbed konklużjonijiet dwar jekk emenda għar-Regolament CLP hijiex ġustifikata jew le.

3. Sejbiet dwar il-komunikazzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar il-kimiċi

[4] It-terminu periklu jirreferi għall-kapaċità intrinsika tas-sustanzi kimiċi jew it-taħlitiet li jikkawżaw effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent kif stabbilit f'konformità mal-kriterji tar-Regolament CLP.

[5] L-istudju huwa disponibbli fuq il-website tal-ECHA: http://echa.europa.eu/documents/10162/13559/clp_study_en.pdf

3.1. Għarfien u fehim ta' pittogrammi CLP u elementi oħra ta' ittikkettar

L-istħarriġ imwettaq għall-istudju tal-ECHA enfasizza li l-livelli ta' għarfien u fehim bil-pittogrammi ġodda dwar il-periklu jvarjaw konsiderevolment minn Stat Membru għal ieħor, u li ġeneralment ftit huma mifhuma l-miżuri ta' sikurezza li jridu jittieħdu meta jintużaw dawn il-prodotti kimiċi. Barra minn hekk, huma wrew li ħafna minn dawk li wieġbu ħassew li kienu biss moderatament informati jew mhux informati sew dwar il-perikli marbuta ma' prodotti kimiċi.

B'mod partikolari, l-Istħarriġ tal-Ewrobarometru wera li, b'mod ġenerali fl-UE, l-iktar mezz komuni biex jiġi ddeterminat jekk prodott kimiku huwiex perikoluż, huwa li wieħed jaqra l-istruzzjonijiet tas-sikurezza. Dan ġie kkonfermat għall-prodotti meqjusa bħala l-aktar perikolużi, bħal pestiċidi u insetticidi (50% ta' min wieġeb dejjem jaqraw l-istruzzjonijiet ta' sikurezza qabel ma jużawhom). B'kuntrast, għal kategoriji ta' prodotti oħra, bħal prodotti tal-kura tal-karozzi u deterġenti tad-dar, anqas minn terz ta' dawk li wieġbu ddikjaraw li jaqraw l-istruzzjonijiet ta' sikurezza qabel l-użu.

It-tieni stħarriġ dwar il-perċezzjoni tar-riskju enfasizza li r-rabta bejn il-perċezzjoni tar-riskju u l-imġiba fil-konfront tiegħu hija pjuttost dgħajfa. Dan ifisser li l-perċezzjoni tar-riskju fiha nnifisha mhix sprun biżżejjed biex wieħed joqgħod attent mill-periklu. Għall-kuntrarju, l-emozzjoni u l-esperjenza tal-passat jidhru li għandhom rwol ħafna iktar importanti.

Skont ir-rispons miż-żewġ stħarriġiet imsemmija hawn fuq kkunsidrati fl-istudju tal-ECHA, xi pittogrammi ġodda dwar il-periklu jintgħarfu sew mill-pubbliku ġenerali (ara l-Figura 1), filwaqt li oħrajn ma jintgħarfux.

Huwa importanti li wieħed jiftakar li ħafna mill-pittogrammi introdotti bir-Regolament CLP huma pjuttost simili għat-tikketti eżistenti bil-leġiżlazzjoni preċedenti tal-UE; għal xi wħud l-unika differenza viżibbli hija l-kulur fl-isfond (oranġjo fit-tikketti qodma, abjad fil-ġodda) u l-forma (kwadrat fil-pittogrammi qodma, forma ta' djamant aħmar fil-pittogrammi CLP ġodda).

Figura 1: Il-pittogramma CLP ġdida għall-Fjammabilità u dik ta' qabilha, tintgħaraf sewwa mill-pubbliku ġenerali (aktar minn 80%).

Bl-istess mod, it-tifsira tal-pittogrammi b'oħrajn simili preċedenti ħafna drabi tinftiehem tajjeb (ara l-Figura 2).

Figura 2: Il-pittogramma CLP ġdida għall-"Isplussivi" u dik ta' qabilha, tintgħaraf sewwa mill-pubbliku ġenerali (aktar minn 80%)

Mhix ta' barra minn hawn li l-pittogrammi CLP il-ġodda, li ma għandhom l-ebda 'predeċessur' simili bil-leġiżlazzjoni tal-UE preċedenti, rari jintgħarfu jew jinftehmu mill-pubbliku ġenerali (ara l-Figura 3).

Figura 3: Il-pittogramma CLP ġdida 'Periklu Serju għas-Saħħa', mhux preżenti qabel, tingħaraf u tinftiehem ftit ħafna mill-pubbliku ġenerali (rispettivament 20% u 12%).

Madankollu, f 'xi każijiet speċifiċi, is-sejbiet kienu pjuttost sorprendenti:

- il-pittogramma ġdida ta' "punt ta' esklamazzjoni" (ara l-Figura 4) kienet familjari għal 59% ta' dawk intervistati, minkejja l-fatt li ma kellha l-ebda predeċessur simili fis-sistema tal-UE. Madankollu, it-tifsira (Periklu għas-Saħħa)[6] inftehmet minn 11% biss tal-intervistati.
- it-tifsira tal-pittogramma "'ras ta' mewt u żewġ għadmiet imsallba" (ara l-Figura 5) inftehmet minn terz biss tal-intervistati, filwaqt li studji oħrajn urew livell ħafna ogħla ta' ftehim[7].

[6] X'aktarx li l-familjarità mas-simbolu tirriżulta mill-fatt li n-nies jaraw il-punt ta' esklamazzjoni f 'kuntesti differenti eż. fis-sinjali tat-toroq.

[7] Ir-riċerka ambjentali 108 (2008) 419-427 u l-Proġett tal-Istitut Nazzjonali tal-Konsumatur Spanjol "Is-Sikurezza tal-Prodotti. Is-sikurezza u l-periklu tal-pittogrammi" 2011. Ta' min jinnota, madankollu, li fl-istudju tal-ECHA l-konsumaturi ġew mistoqsija direttament biex jindikaw it-tifsira u ma kinux provduti b'lista ta' għażliet possibbli, li seta' kien il-każ fi studji oħra.

Figura 4: Il-pittogramma CLP ġdida tal-Periklu għas-Saħħa, familjari għal 59% iżda mifhuma minn 11% biss tal-pubbliku ġenerali.



Figura 5: Il-pittogramma CLP ġdida għat-Tossiċità Akuta u dik preċedenti, komprensjoni baxxa mill-pubbliku ġenerali (33%).

Fir-rigward tal-kliem ta' messaġġ, l-istħarriġ tal-Ewrobarometru indika kif il-kelma "periklu" hija ġeneralment meqjusa aktar b'saħħitha mill-kelma "twissija" minn ħafna nies fl-UE. Madankollu, ir-riżultati f'xi wħud mill-Istati Membri kienu differenti, u dan jenfasizza li l-istandardizzazzjoni u t-traduzzjoni madwar is-27 Stati Membri Ewropej b'ħafna ilsna differenti jibqgħu ta' sfida.

Fl-aħħar nett, ebda sejbiet diretti ma ġew ipprovduti dwar il-fehim ta' dikjarazzjonijiet ta' periklu u dikjarazzjoni ta' prekawzjoni. Għalhekk, minħabba l-importanza ta' dawn l-elementi fil-komunikazzjoni dwar il-periklu, aktar investigazzjonijiet għandhom ukoll jivvalutaw il-livell ta' fehim għal dikjarazzjonijiet dwar periklu u prekawzjoni.

3.2 Ħtieġa ta' attivitajiet li jżidu l-għarfien u ta' taħriġ

L-ewwel riżultat ċar mil-livelli ta' għarfien u fehim tal-pittogrammi CLP huwa li huma meħtieġa attivitajiet li jżidu l-għarfien għat-titjib tal-għarfien u l-fehim ġenerali tal-pubbliku tat-tikketti l-ġodda CLP.

Ta' min jinnota, madankollu, li l-ittikkettar il-ġdid attwali huwa mandatorju biss għal sustanzi kimiċi, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-prodotti kimiċi mibjugħa lill-pubbliku ġenerali huma fil-fatt taħlitiet, li għalihom ir-Regolament CLP se japplika mill-1 ta ' Ġunju 2015. Madankollu, hu importanti li jiżdied l-għarfien pubbliku u jinġieb 'il quddiem l-għarfien tat-tikketti dwar il-periklu u l-miżuri assoċjati ta' sikurezza.

Skont is-sejbiet tal-studju tal-ECHA, l-attivitajiet li jżidu l-għarfien jeħtieġ li jqisu x-xejriet ta' għarfien nazzjonali tal-periklu u għandhom ikunu mmirati lejn il-pubbliku ġenerali, kif ukoll lejn udjenzi speċifiċi bħal familji, djar ta' persuna waħda, tfal tal-iskola, eċċ. li jużaw varjetà ta' mezzi didattiċi (paġni tal-internet, fuljetti, materjal awdjoviżiv, eċċ.).

Fil-fatt, il-perċezzjonijiet tal-perikli li jappartjenu għall-ċerti prodotti kimiċi jvarjaw konsiderevolment bejn l-Istati Membru u wkoll bejn sottogruppi differenti tal-popolazzjoni fi ħdan l-istess Stat Membru. Għaldaqstant, il-komunikazzjoni u l-attivitajiet li jżidu l-għarfien se jkollhom jindirizzaw udjenzi nazzjonali b'mod differenzjat, b'kunsiderazzjoni tal-ostakli lingwistiċi u tal-kanali ta' komunikazzjoni xierqa, eż. applikazzjonijiet ta' komunikazzjoni smart, il-midja soċjali.

Aktar ġeneralment, dawn l-attivitajiet għandhom ikunu mmirati li:

- jtennu l-għarfien/jiffamiljarizzaw lill-pubbliku mal-pittogrammi l-ġodda u l-kliem ta' messaġġ;
- jħeġġu l-pubbliku ġenerali biex fil-fatt jaqra t-tikketta u jikkunsidra l-pittogrammi, dikjarazzjonijiet dwar periklu u prekawzjoni biex jiżdied l-għarfien;
- jinformaw dwar il-konsegwenzi possibbli ta' maniġġjar ħażin ta' prodotti perikolużi sabiex jitnaqqas is-sens qarrieqi ta' sikurezza.

L-attivitajiet li jżidu l-għarfien jeħtieġ li jitfasslu għall-kapaċitajiet istituzzjonali u r-riżorsi disponibbli tal-entitajiet pubbliċi u privati involuti. Huma għandhom ukoll ikunu adattati għal diversi kuntesti, b'messaġġi mmirati disponibbli pereżempju f'ċentri ta' bejgħ, postijiet pubbliċi, skejjel jew fid-dar.

Fost il-gruppi fil-mira t-tfal huma probabbilment wieħed mill-iktar sensittivi u dawn għandhom ikunu infurmati sew dwar il-perikli tal-prodotti. Materjal edukattiv speċifiku jeħtieġ li jiġi żviluppat għad-distribuzzjoni fl-iskejjel – xi Stati Membri diġà qed jagħmlu attivitajiet bħal dawn[8].

Kemm għall-preparazzjoni kif ukoll għat-twettiq tal-istudju, l-ECHA serrħet fuq konsultazzjoni estensiva tan-Netwerk ta' Komunikazzjoni ta' Riskju tal-Aġenzija (RCN) stabbilit fil-ħarifa tal-2008. Wieħed mir-rwoli tal-RCN hu li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni, esperjenza, studji ta' każijiet u prassi tajba fost dawk responsabbli mill-koordinazzjoni tal-komunikazzjoni tar-riskju fl-Awtoritajiet Kompetenti tar-REACH (MSCAs) u l-ECHA. Għalhekk, in-netwerk jista' jgħin lill-membri biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' komunikazzjoni tagħhom fil-konfront tal-pubbliku ġenerali dwar ir-riskji u l-użu sikur ta' sustanzi kimiċi, u jiġu evitati messaġġi kunfliġġenti mill-awtoritajiet pubbliċi u tiġi stabbilita l-aħjar prassi fil-komunikazzjoni tar-riskju.

Barra minn hekk, il-kuntatti regolari tal-ECHA mal-MSCAs u l-esperti CLP tagħhom kif ukoll l-aċċess għall-helpdesks nazzjonali tas-CLP (permezz tal-netwerk HelpNet tal-helpdesks nazzjonali tar-REACH u s-CLP) jpoġġu lill-Aġenzija f'pożizzjoni tajba biex issostni u tikkoordina l-attivitajiet li jżidu l-għarfien rigward is-CLP.

3.3. Id-dehra tal-prodott u l-informazzjoni dwar il-periklu fuq it-tikketta

L-istudju tal-ECHA wera li l-messaġġi rigward il-perikli ta' prodott kimiku espressi espliċitament jew b'mod inerenti fl-ippakkjar tiegħu jistgħu jmorru kontra l-messaġġi li jinsabu f'tikketta CLP. Pereżempju, il-fatturi kollha li ġejjin jistgħu jinfluwenzaw b'mod sinifikanti il-perċezzjoni tal-perikli:

- il-forma u l-kulur tal-imballaġġ (jiġifieri kuluri ħomor/suwed u mhux kuluri ħodor/bojod);
- il-preżenza ta' elementi viżwali marbuta mal-"innoċenza" fuq prodott (pereżempju, stampi ta' tfal, omm, fjura, siġra, eċċ.);
- għarfien u apprezzament ta' ditta;

[8] In-Netwerk ta' Komunikazzjoni tar-Riskju tal-ECHA huwa l-forum istituzzjonali għall-iskambju tal-esperjenzi tal-Istati Membri fil-qasam tal-komunikazzjoni dwar l-użu mingħajr periklu ta' sustanzi kimiċi http://echa.europa.eu/en/web/guest/about-us/partners-and-networks/risk-communication-network

- li wieħed jifhem li prodott huwa aktar "naturali" milli industrijali permezz ta' elementi viżivi ambigwi (mudell ta' annimali selvaġġi, foresta, eċċ.).

L-istudju tal-ECHA jirrakkomanda li l-industrija għandha tiġi mħeġġa taġġorna d-dehra tal-prodott u l-ippakkjar b'mod aktar konformi mal-informazzjoni dwar il-periklu fuq it-tikketti, bl-użu ta' fatturi li jikkondizzjonaw l-imġiba biex jamplifikaw il-messaġġ fuq it-tikketta, b'hekk iġibu 'l quddiem imġieba aktar xierqa fil-konfront tar-riskju fost il-konsumaturi. Fil-fatt, skont l-ECHA, pakkett attraenti ma għandux iqarraq bil-konsumatur jew iġiegħlu jinjora jew jissottovaluta t-twissijiet li r-Regolament CLP ikun għamilhom obbligatorji.

Għalhekk, l-isforzi biex ikunu allinjati l-"messaġġi" rigward il-perikli tal-prodott mid-dehra tal-ippakkjar u l-kontenut tat-tikketta jistgħu jkunu l-mezz potenzjali li bih jiżdied l-għarfien u t-titjib fl-imġiba għal dak li huwa l-użu mingħajr periklu ta' sustanzi kimiċi. L-awtoritajiet, il-produtturi u d-distributuri jistgħu – permezz ta' azzjoni konġunta pubblika-privata volontarja – jfittxu li jippromwovu miżuri awtoregolatorji f'dan ir-rigward (ta' min jinnota dan billi diġà hemm xi inizjattivi għaddejjin bħalissa fejn l-industrija daħlet għal kampanji volontarji biex iżżid l-għarfien tal-utenti u tinkoraġġixxi l-użu sikur tal-prodotti tagħha[9]).

Fl-aħħar nett, ta' min jinnota wkoll li l-istudji preċedenti mwettqa fuq il-perċezzjoni tal-konsumatur ta' twissijiet ta' perikli wrew li l-attenzjoni tal-konsumaturi tista' tmajna minħabba ħafna informazzjoni fuq tikketta rigward il-perikli potenzjali kollha[10]. B'kuntrast ta' dan, twissijiet ffukati fuq perikli speċifiċi (bħala pittogrammi) jistgħu jsaħħu l-attenzjoni u b'hekk tiżdied il-protezzjoni tal-konsumatur.

Għalhekk, l-emendi potenzjali tar-rekwiżiti għall-ittikkettar għandhom jiffukaw fuq is-simplifikazzjoni tal-kontenut u t-titjib tad-disinn, aktar milli fuq proposti ta' żieda fl-informazzjoni.

3.4. Analiżi ġdida wara l-2015

Kif spjegat qabel, iż-żewġ stħarriġiet ipprovdew tagħrif ta' sfond dwar l-għarfien u l-fehim (jew in-nuqqas tagħhom) tal-elementi ewlenin ta' riskju ta' komunikazzjoni u l-pittogrammi individwali tas-CLP. Is-sejbiet tagħhom juru li xi pittogrammi dwar il-periklu bil-kemm huma magħrufa jew mifhuma.

Din mhijiex sorpriża peress li d-dispożizzjonijiet tat-Titolu III u IV tar-Regolament CLP dwar *"il-komunikazzjoni ta' periklu fil-forma ta' ttikkettar"* u *" l-ippakkjar "* daħlu fis-seħħ biss fir-rigward ta' sustanzi individwali fl-1 ta' Diċembru 2010 (ara l-Artikolu 62 tar-Regolament CLP).

Barra minn hekk, il-maġġoranza kbira ta' prodotti kimiċi użati mill-konsumaturi huma fil-fatt taħlitiet li fihom diversi sustanzi. Id-dispożizzjonijiet CLP se jkunu mandatorji għat-taħlitiet biss mill-1 ta' Ġunju 2015. Matul il-perjodu tranżitorju, is-sistema ta' qabel ta' ttikkettar u pittogrammi dwar il-periklu għat-taħlitiet (Direttiva 1999/45/KE) tkompli tapplika. Il-konsumaturi għalhekk, se jkomplu jaraw l-aktar il-pittogrammi qodma fuq il-prodotti kimiċi li jixtru.

---

9 http://www.cleanright.eu/

10 Studju dwar l-Komprensibbiltà tat-tikketti bbażat fuq id-Direttiva 88/379/KEE dwar Preparazzjonijiet perikolużi, Kummissjoni Ewropea 1999 DĠ III; Ir-raba' edizzjoni riveduta tal-GHS tan-NU, 2012, Anness 5, It-Tikkettjar tal-Prodott għall-Konsumatur abbażi tal-probabilità ta' korriment.

Billi l-Artikolu 34(1) tar-Regolament CLP stabbilixxa skadenza sal-20 ta' Jannar 2012, l-istudju tal-ECHA kellu jitwettaq xi ftit qabel il-waqt, meta l-Istħarriġ tal-Ewrobarometru kien qed isir fi żmien (bejn Novembru u Diċembru 2010) li matulu l-pubbliku ġenerali ftit li xejn kien iltaqa' mal-pittogrammi ġodda dwar il-periklu fil-ħajja reali. Meta r-"riċerka kwalitattiva" (f'Lulju 2011) intrabtet li tiġbor iktar informazzjoni, l-obbligu li jintużaw il-pittogrammi tas-CLP għat-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi kien biss fis-seħħ għal inqas minn sena, filwaqt li t-taħlitiet kienu għadhom jiġu ttikkettati kważi esklużivament skont il-leġiżlazzjoni ta' qabel.

Għalhekk, jidher xieraq li jsir eżami ieħor tal-livell ta' fehim taċ-ċittadini Ewropej aktar 'il quddiem, meta l-esperjenza tagħhom u l-familjarità mal-pittogrammi tkun żviluppat, preferibbilment wara li anki l-pittogrammi CLP jkunu saru obbligatorji għat-taħlitiet. Analiżi ġdida tal-impatt tal-pittogrammi CLP fuq l-imġiba u l-fehim taċ-ċittadini tal-UE għandha ssir xi żmien wara Ġunju 2015.

4. Konklużjoni

Fid-dawl tas-sejbiet tal-istudju tal-ECHA mwettaq skont l-Artikolu 34 (1) tar-Regolament CLP u studji oħra dwar l-istess kwistjoni, il-bidliet fil-pittogrammi CLP infushom mhumiex rakkomandati billi huwa iktar ta' vantaġġ li tippermetti lill-pubbliku jidra s-sistema globali l-ġdida, biex dejjem jitjieb il-fehim tar-riskji maħluqa mill-kimiċi u b'mod partikolari jiġi mħeġġeġ l-użu aktar sikur tal-kimiċi tad-dar.

Meta wieħed iqis ukoll li t-tibdil propost tal-pittogrammi CLP jeħtieġ in-negozjar mill-ġdid tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GHS stabbiliti f'kuntest multilaterali tan-NU, bħalissa ma hemm ebda benefiċċju jekk jinbidlu l-konvenzjonijiet tat-tikketti. Minflok, f'dan l-istadju, l-enfasi tal-attività jeħtieġ li titqiegħed fuq iż-żieda tal-għarfien u l-promozzjoni tat-tagħrif.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li, f'dan l-istadju, proposta leġislattiva biex jiġi emendat ir-Regolament CLP mhix iġġustifikata u tirrakkomanda li:

- għandhom jitħejjew u jitwettqu attivitajiet li jżidu l-għarfien biex jittejjeb l-użu mingħajr periklu ta' sustanzi kimiċi miċ-ċittadini tal-UE kkoordinati/promossi min-netwerks taċ-ċentri ta' għajnuna u komunikazzjoni tar-riskju tal-ECHA – preferibbilment fil-mixja lejn l-iskadenza tad-data li fiha l-obbligi ta' tikkettar tas-CLP jibdew japplikaw għal taħlitiet kimiċi (1 Ġunju 2015);
- il-produtturi u l-importaturi jistgħu jiġu mħeġġa biex iġibu d-dehra tal-prodott u l-ippakkjar aktar konformi mal-informazzjoni dwar il-periklu fuq it-tikketti;
- għandhom ikunu promossi s-simplifikazzjoni tal-kontenut u t-titjib tad-disinn fuq it-tikketti tas-sustanzi u t-taħlitiet (pereżempju billi tingħata aktar gwida dwar it-tneħħija ta' ċerti elementi ta' informazzjoni u dwar regoli ta' preċedenza);
- titwettaq analiżi ulterjuri tal-fehim tal-użu mingħajr periklu ta' sustanzi u taħlitiet xi żmien wara l-1 ta' Ġunju 2015 (għandhom anki jitqiesu dikjarazzjonijiet dwar periklu u prekawzjoni).